VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,481, 5 ta' Awwissu, 2025
Taqsima B

A.L. 168 tal-2025

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)

Regolamenti tal-2025 dwar il-Proċedura tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, il-Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 dwar il-Proċedura tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 217.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Immigrazzjoni;

"Bord" tfisser il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni mwaqqaf bl-artikolu 25A tal-Att;

L.S. 595.07.

"Identità" tfisser l-Aġenzija Identità Malta mwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija Identità Malta;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni;

L.S. 217.17.

"permess uniku" tfisser permess ta' residenza maħruġ skont ir-Regolamenti dwar Proċedura ta' Applikazzjoni Unika għal Permess Uniku għal Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi biex Jirrisjedu u Jaħdmu f'Malta u Ġabra Komuni ta' Drittijiet għal Ħaddiema ta' Pajjiżi Terzi li Jirrisjedu Legalment f'Malta.

"Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni" tfisser il-persuna maħtura f'tali kariga skont l-artikolu 3 tal-Att;

"viża" tfisser viża għal soġġorn qasir jew viża għal soġġorn twil.

Funzjonijiet tal-Bord.

3. Il-Bord għandu jkollu l-funzjoni li jisma' u jiddeċiedi appelli bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Att jew tar-regolamenti magħmula taħtu.

Appelli minn deċiżjonijiet dwar permess uniku u viża.

4. (1) Ċittadin ta' pajjiż terz li jħossu aggravat bid-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti fir-rigward ta' permess uniku jew viża jista' jippreżenta appell kontra l-imsemmija deċiżjoni quddiem il-Bord

skont l-artikolu 25A tal-Att li għandu jkollu l-ġuriżdizzjoni li jisma' u jiddeċiedi tali appell:

Iżda għall-finijiet ta' dan ir-regolament "awtorità kompetenti" għandha tfisser l-awtorità responsabbli għall-ħruġ tal-permess ta' residenza, viża jew kwalunkwe dokument ieħor, skont il-każ.

(2) L-appellant jew ir-rappreżentant legali tiegħu għandu jippreżenta s-sottomissjonijiet bil-miktub lill-Bord fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data minn meta jkun innotifika l-intenzjoni tiegħu li jappella skont l-artikolu 25A(7) tal-Att.

(3) Hekk kif jirċievi s-sottomissjonijiet bil-miktub imsemmija fis-subregolament (2), il-Bord għandu jinnotifika kopja tal-imsemmija sottomissjonijiet lill-awtorità kompetenti li għandha tingħata perjodu ta' għaxart (10) ijiem ta' xogħol min-notifika ta' tali sottomissjonijiet sabiex tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha lill-Bord.

(4) Il-Bord għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu lill-appellant jew lir-rappreżentant legali tiegħu u lill-awtorità kompetenti fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data meta jirċievi s-sottomissjonijiet tal-awtorità kompetenti skont is-subregolament (3):

Iżda f'ċirkostanzi eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Bord jista' jestendi l-perjodu ta' żmien għall-komunikazzjoni tad-deċiżjoni tiegħu:

Iżda wkoll il-perjodu għall-għeluq tal-proċedura kollha ma għandux jeċċedi s-sittin (60) jum.

Appell mill-assessjar tal-età.

5. (1) Kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li jħossu aggravat b'deċiżjoni tal-awtorità kompetenti fir-rigward tad-determinazzjoni tal-età li tirriżulta minn assessjar tal-età, jista' jippreżenta appell kontra l-imsemmija deċiżjoni quddiem il-Bord skont l-artikolu 25A tal-Att:

Iżda għall-finijiet ta' dan ir-regolament "awtorità kompetenti" għandha tfisser l-awtorità responsabbli għat-twettiq tal-assessjar tal-età skont ir-Regolamenti dwar l-Aġenzija għal Ħarsien ta' Persuni li jkunu qed ifittxu l-Asil.

L.S. 217.11.

(2) L-appellant jew ir-rappreżentant legali tiegħu għandu jippreżenta s-sottomissjonijiet bil-miktub lill-Bord fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data minn meta jkun innotifika l-intenzjoni tieghu li jappella skont l-artikolu 25A(7) tal-Att.

(3) Hekk kif jirċievi s-sottomissjonijiet bil-miktub imsemmija

fis-subregolament (2), il-Bord għandu jinnotifika kopja tal-imsemmija sottomissjonijiet lill-awtorità kompetenti li għandha tingħata perjodu ta' għaxart (10) ijiem ta' xogħol min-notifika ta' tali sottomissjonijiet sabiex tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha lill-Bord.

(4) Il-Bord għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu lill-appellant jew lir-rappreżentant legali tiegħu u lill-awtorità kompetenti fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data meta jirċievi s-sottomissjonijiet tal-awtorità kompetenti skont is-subregolament (3):

Iżda f'ċirkostanzi eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Bord jista' jestendi l-perjodu ta' żmien għad-deċiżjoni tiegħu:

Iżda wkoll il-perjodu għall-għeluq tal-proċedura kollha ma għandux jeċċedi s-sittin (60) jum.

(5) Fejn l-awtorità kompetenti tkun iddeċidiet *prima facie* li l-persuna kkonċernata hija adulta, mingħajr ma twettaq assessjar tal-età, hija għandha tirreferi d-deċiżjoni tagħha għar-reviżjoni mill-Bord. Il-Bord għandu jwettaq ir-reviżjoni fi żmien ħamest (5) ijiem ta' xogħol mid-data li fiha jkun irċieva tali deċiżjoni:

Iżda jekk il-Bord ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti, huwa għandu jagħti struzzjonijiet lill-awtorità kompetenti sabiex twettaq assessjar tal-età skont ir-Regolamenti dwar l-Aġenzija għal Ħarsien ta' Persuni li jkunu qed ifittxu l-Asil. L.S. 217.11.

Appelli oħra.

6. (1) Kemm-il darba l-Att jew ir-regolamenti magħmula taħtu ma jipprovdux xort'oħra, kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li jħossu aggravat b'deċiżjoni ta' awtorità kompetenti jista' jippreżenta appell kontra l-imsemmija deċiżjoni lill-Bord u l-Bord għandu jkollu ġurisdizzjoni li jisma' u jiddeċiedi tali appell skont dan ir-regolament.

(2) L-appellant jew ir-rappreżentant legali tiegħu għandu jippreżenta s-sottomissjonijiet bil-miktub lill-Bord fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data minn meta jkun innotifika l-intenzjoni tiegħu li jappella skont l-artikolu 25A(7) tal-Att.

(3) Hekk kif jirċievi s-sottomissjonijiet bil-miktub imsemmija fis-subregolament (2), il-Bord għandu jinnotifika kopja tal-imsemmija sottomissjonijiet lill-awtorità kompetenti li għandha tingħata perjodu ta' għaxart (10) ijiem ta' xogħol min-notifika ta' tali sottomissjonijiet sabiex tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha lill-Bord.

(4) Il-Bord għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu lill-appellant jew lir-rappreżentant legali tiegħu u lill-awtorità kompetenti fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data meta jirċievi s-sottomissjonijiet tal-awtorità kompetenti skont is-subregolament (3):

Iżda f'ċirkostanzi eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Bord jista' jestendi l-perjodu ta' żmien għad-deċiżjoni tiegħu:

Iżda wkoll il-perjodu għall-għeluq tal-proċedura kollha ma għandux jeċċedi d-disgħin (90) jum.

Irtirar ta' appell.

7. L-appell quddiem il-Bord għandu jitqies li ġie rtirat jekk l-jiġi determinat li:

(a) naqas milli jipprovdi, fil-perjodu ta' żmien stabbilit mill-Bord, informazzjoni u, jew dokumenti essenzjali għall-appell tiegħu, sakemm l-appellant ma jurix, li n-nuqqas tiegħu kien dovut għal ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll tiegħu; u, jew

(b) naqas milli jikkonforma mad-dmirijiet ta' rappurtar lill-Bord jew obbligi oħra fi żmien tletin (30) jum minn talba mill-Bord għall-istess.